

# Is-Surmast Adeodato Gatt jagħlaq 50 Sena mejjet

## Direttur kbir tal-banda u kompożitur tal-marċi ta' ħlewwa kbira

**Peter Paul Ciantar**



***Is-Surmast Datu***

Is-Surmast Adeodato Gatt, jew is-Surmast Datu kif konna nsejħulu, din is-sena jagħlaq 50 sena mejjet. Jiena ftit li xejn niftakru jidderieġi l-Banda San Filep iżda l-ftit li rajtu huwa biżżejjed biex illum il-ġurnata nagħti stampa ċara tad-direzzjoni tiegħu.

Ngħid mingħajr tlaqliq ta' xejn li s-Surmast Gatt kien surmast jew aħjar direttur tal-banda *smart* ħafna. Kien jaf jidderieġi sewwa u bil-bakketta f'idu kellu sens ta' direzzjoni ċara, soda u ċerta, imħallta ma' spettaklu mużikali. Qed ngħid 'spettaklu mużikali' għax fuq il-kaxxa jew aħjar il-podju, is-Surmast Gatt ma kienx jidderieġi ċass bħal ħafna minn sħabu s-surmastrijiet tal-baned… iżda kien iġiegħlek iddoqq bil-ħlewwa jew *forte* skont il-bżonn. Kellu mossi sbieħ ħafna: kien jaf iħaddem ħafna sewwa l-id ix-xellugija u jipponta sebgħu lejn il-mużiċisti għad-dħul tagħhom, filwaqt li f'idu l-oħra, dik il-bakketta twila li kienet titla' b'ċertezza kbira minn isfel għal fuq skont il-bżonn u l-interpretazzjoni li kien jixtieq. Il-mużika kien verament jagħtiha l-ħajja. Illum ngħid li fid-direzzjoni, is-Surmast Gatt kellu stil uniku bħalma kellu wkoll fil-kitba tal-marċi.

Jiena l-aktar li niftakru fir-rekordings li fi żmienu l-Banda San Filep kienet tirrikordja għar-*Rediffusion*. Kont inkun minn tal-ewwel għar-rekording u nitla' fuq, fis-sala tat-*talkies* - Mayfair - biex nieħu post sewwa. Is-sala kienet tkun imballata u qatt f'dawk iż-żminijiet ma kont nisma' applawsi kbar u għajjat ta' 'Viva San Filep' daqs dakinhar tar-rekording mal-aħħar battuti tal-Innu tal-Banda San Filep, kompożizzjoni immortali u ta' ħlewwa kbira tas-Surmast Gatt stess.

## 'Il-Missierna' qabel ir-rekording

Niftakar sewwa li darba minnhom, is-Surmast Gatt fettillu jgħid 'Missierna' qabel ir-rekording biex il-banda jkollha l-għajnuna tal-Mulej. Iżda ġara li wara li radd is-Salib, flok beda bil-Missierna beda bil-Qaddisa. Ħadd ma seta' jwieġeb u kulħadd infexx jidħak, inkluż Dun Ġużepp Cachia li kien jieħu ħsieb il-Kor tal-Ħamrun. Ma reġax għamilha s-sena ta' wara, għax dakinhar, is-Surmast Gatt qabbad lil Dun Ġużepp biex jgħidha hu t-talba għall-għajnuna għal rekording tajjeb. Iżda ħbieb tiegħi, xorta waħda kien hemm min tbissem fis-sala, għax ħafna kienu dawk li ftakru x'kien ġara s-sena ta' qabel!

Niftakar ukoll ftit lis-Surmast Gatt jidderieġi l-programm il-kbir ta' lejlet il-festa; programm li hu kien jagħtih importanza kbira u kien iżejnu sewwa bis-sehem tal-Kor tal-Ħamrun u solisti kantanti. Kien jgħaxxaq pjazza mballata, l-aktar b'dawk l-innijiet u marċi Żebbuġin bi vrus mill-isbaħ u li verament jidħlu fil-qlub.

U la semmejna l-marċi tas-Surmast Gatt, nitkellmu ftit dwarhom. Ngħidha mingħajr tlaqliq ta' xejn li llum il-ġurnata jiddispjaċini ħafna nara fir-raħal tagħna tingħata importanza akbar lil marċi ta' kompożituri barranin u ftit li xejn ingawdu dawk il-marċi sbieħ tas-Surmast Datu (tneħħi l-marċ 'Lir-Rebbieħ t'Aġġira').

X'ġara minnhom marċi bħal 'Silver Mountain', 'Joyful Day', 'F'Misraħ San Filep', 'Arabian Nights' u tant u tant oħrajn, fosthom il-marċ kontroversjali 'Semper Verens'? Dawn huma marċi li s-Surmast Gatt kiteb għall-Banda San Filep.

Datu kkompona numru sabiħ ta' marċi għal din il-banda… marċi li meta tismagħhom, tassew tħossok Żebbuġi u partitarju tal-każin u tal-festa San Filep. Dawn il-marċi kienu ta' għira kbira għall-baned oħra.

## Il-Kor tal-Ħamrun

Niftakar li ħafna mill-marċi ta' Datu kienu jitkantaw bil-Kor tal-Ħamrun. Kienu marċi li verament joħolqu ambjent sabiħ festiv marbut ma' element qawwi Żebbuġi u Filippin. Iż-Żebbuġin partitarji ta' San Filep, wiċċhom kien jixgħel mal-melodiji sbieħ tagħhom. Kienu jħossuhom imkabbra li huma Żebbuġin u ta' San Filep. U ngħidilkom mhux biss aħna ż-Żebbuġin konna nħossuhom sbieħ iżda l-barranin ukoll. Fil-fatt kienu ħafna dawk il-membri tal-Kor tal-Ħamrun li stqarrew miegħi kemm kienu jitpaxxew ikantaw dawn il-marċi tas-Surmast Gatt lejlet il-festa ta' San Filep li ta' kull sena kienu jieħdu sehem fiha.

U xi ngħidu għall-'Omaggio lill-Banda San Filep' li kkompona s-Surmast Gatt u li ddedikah lill-banda li tant ħabb u hija wkoll ħabbet lilu? Ngħidilkom fiċ-ċert li dan l-'Omaggio lill-Banda San Filep' huwa l-isbaħ omaġġ mużikali, miktub għall-baned lokali… m'hawx isbaħ minnu! Niftakarni sewwa ninsisti ma' ħija Michael, meta kien Surmast tal-banda, biex ta' kull sena fil-programm ta' lejlet il-festa, qabel l-innu tal-banda, idoqq dan l-omaġġ. Kien verament ifawwar il-qlub taż-Żebbuġin.

U la semmejt l-Innu tal-Banda San Filep ngħid ukoll li dan huwa wieħed mill-isbaħ innijiet tal-baned tagħna… anzi biex inkun preċiż ngħid li fl-opinjoni tiegħi l-isbaħ żewġ innijiet tal-baned huma dak tal-Banda La Valette (miktub minn Cardenio Botti) u l-Innu tal-Banda San Filep (miktub mis-Surmast Gatt). Dawn iż-żewġ innijiet tal-baned influwenzaw innijiet oħra.

Is-Surmast Gatt kellu ħlewwa speċjali fil-kitba tal-marċi u jiena li studjajt xi ftit l-armonija mużikali ngħid ukoll li kellu armonija sabiħa immens, f'postha u mhux komuni. Mhux komuni għall-fatt li ħafna drabi, Datu kienu juża 'akkordji' mhux daqstant popolari, iżda s-sbuħija tagħhom tagħti effett tremend lill-kompożizzjoni…. eżempju ċar ta' dan huma l-akkordji li nsibu fl-innu tal-banda. Darba xi ħadd kien qalli li s-Surmast Gatt kien jiċċekkja l-akkordji bil-kitarra li kien jaf idoqq sewwa… jista' jkun.

Aktar minn ħlewwa fil-kompożizzjonijiet tiegħu, is-Surmast Gatt kellu wkoll element ta' patrijott Żebbuġi. Il-marċi tiegħu kienu jinħassu sewwa li huma marċi miktuba għall-festa ta' San Filep u għall-Banda San Filep li dam jidderieġi mill-1921 sal-1962… 40 sena.

Min jaf kemm Datu kkompona xogħlijiet mużikali u ta' valur għal din il-banda! Kien

jagħmel ukoll arranġamenti mużikali għall-banda. Niftakar fost oħrajn is-sinfonija korali tiegħu 'Xerri u Caruana', xogħol li fih jibbrilla sewwa l-element spettakulari mużikali mħallat ma' element patrijottiku Żebbuġi. Hawn tajjeb li ngħidu li din il-kompożizzjoni korali hija mnebbħa minn żewġ personaġġi Żebbuġin importanti ħafna fl-istorja ta' pajjiżna: Dun Mikiel Xerri u l-Isqof Caruana.

## Surmast tal-Banda San Mikiel u oħrajn

Is-Surmast Adeodato Gatt twieled fir-raħal tagħna Ħaż-Żebbuġ fis-26 ta' Ġunju tas-sena 1898. (Qatt ma nista' ninsa l-ġurnata tat-twelid tiegħu… għax jiena wkoll twelidt fis-26 ta' Ġunju). Iżżewweġ lis-Sinjorina Camilleri Xerri mill-Furjana u kellu ħames ulied fosthom is-Surmast Philip Gatt li għal ħafna snin kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda San Filep. Jiena niftakar ukoll lil Johnny, wild ieħor tas-Surmast Datu, għalliem fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, u niftakru wkoll idoqq il-*Piccolo in La* mal-Banda San Filep (strument li llum il-ġurnata sparixxa mill-baned Maltin).

Niftakar ukoll is-Surmast Gatt jidderieġi l-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar (1950-1961). Missieri Karmenu kien idoqq ma' din il-banda u kien jiġi lura wara l-provi tal-banda mas-Surmast Gatt fit-*taxi* li s-Soċjetà Banda San Mikiel kienet tikri għas-Surmast Gatt biex twasslu lura d-dar Ħaż-Żebbuġ. Iż-Żabbarin kienu jħobbuh ħafna lil Datu, speċjalment Karmenu Said, l-inkarigat tal-banda, magħruf bħala 'Ta' Said'.

Issa ħa ngħid din u din hija biss opinjoni personali. Dan l-inkarigat tal-banda San Mikiel, kien ukoll inkarigat mill-Banda tal-Partit Laburista u jiena naħseb (għax anke smajt xi tpespis f'widnejja) li dan Karmenu Said kien qabbad lis-Surmast Datu biex jikteb l-Innu tal-Partit Laburista. Fil-fatt, jekk wieħed jifli sewwa dan l-innu jsib xebh kbir mal-melodiji tas-Surmast Gatt. Dan x'naħseb jiena… iżda ktibtu biex nieħu l-okkażjoni u xi ħadd studjuż jagħmel riċerka dwar dan: għax il-kompożitur tal-Innu tal-Partit Laburista ma jidher qatt.

Is-Surmast Gatt kien ukoll surmast tal-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq (1928 - 1937), tal-Banda La Vittoria tal-Mellieħa (1948 - 1962), tal-Banda Vilhena tal-Furjana fejn dam sal-1960 u qrajt ukoll li għamel xi żmien jidderieġi l-Banda King's Own.

Xi drabi s-Surmast Gatt kien ikun mistieden biex jidderieġi baned oħra skont il-bżonn u hawn insemmi l-Banda La Valette, il-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema, il-Banda San Ġorġ ta' Bormla u l-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Din hija xhieda tal-abbiltà kbira mużikali li kellu dan is-surmast li miet fir-raħal fejn twieled, Ħaż-Żebbuġ, fit-23 ta' Mejju 1966… 50 sena ilu.

Intemm din il-kitba b'informazzjoni li forsi tista' taħsad lil xi wħud. L-ewwel isem tas-Surmast Adeodato Gatt kif jidher fir-reġistri tal-magħmudija tal-paroċċa, huwa Peter Paul. Fil-fatt għandu żewġ marċi msemmija għalih - Peter u Paul. Adeodato huwa t-tielet isem tiegħu, iżda ġara li ommu bdiet issejjaħlu Datu u din ta' Datu baqgħetlu; u ż-Żebbuġin u Malta kollha tafu bit-tielet isem tiegħu Datu jew is-Surmast Adeodato Gatt.

***Il-mużika hi sabiħa. Tgħallem apprezzaha u jekk inti interessat tgħallimha***